**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1089/97

Henry Farrugia

vs

Direttur tax-Xoghlijiet

Illum 23 ta’ April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa sofra ingustrizzja f'perjodu li jaqa' bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 peress li l-atti ingusti sehhew principalment bejn l-1988 u l-1992.

Illi fil-qosor il-fatti tal-kaz kienu s-segwenti:-

Illi huwa dahal bhala student haddiem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet ghall-habta ta' April 1986 biex jitghallem is-snajja tal-bini, tibjid, tikhil, kisi u tqeghid ta' madum;

Illi dan kien kors ta' tliet snin, li huwa spiccah b' success fl-1989;

Illi kemm dam student haddiem huwa kien jithallas Lm15 fil-gimgha;

Illi malli ghalqu t-3 snin, diversi studenti bhal Lawrence Azzopardi saru tal-post u bdew jiehdu l-paga minima, fil-waqt li r-rikorrent, flimkien ma' xi ohrajn thalla jahdem hemm izda bil-paga ta' student ta' Lm15 fil-gimgha;

Illi huwa ghamel 3 snin jilmenta minn din il-kondizzjoni, izda kien kollu ghal xejn, ghalhekk huwa telaq u ghamel hafna zmien jirregistra;

Illi biex isostni l-ilment tieghu, huwa kien bi hsiebu jressaq lix-xhieda murija fl-elenku, kif ukoll xhieda ohra producibbli fi stadju ulterjuri.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment tieghu skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata r-rimedju li jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu billi jigi re-instated mad-Dipartiment bl-istess xoghol li huwa tharreg ghalih u li jinghata kumpens ghaz-zmien li huwa thallas ta' student u ghaz-zmien li baqa' jirregistra; jew jekk dan ir-rimedju mhux possibbli li jinghata, jigi ordnat li r-rikorrent jithallas mill-intimat kumpens ta' hamest elef lira (Lm5,000) jew somma verjuri.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tax-Xogholijiet li jecepixxi illi r-rikorrent gie ngaggat b'effett mit-13 ta' Marzu 1986 mad-Dipartiment tax-Xogholijiet bhala E.S.T.S. Fl-1 ta' Jannar 1988 hu gie trasferit ghal mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Illi r-rikorrent rrizenja fil-perjodu li kien attaccjat mad-Diparitment ta' l-Edukazzjoni.

Illi d-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet ma huwiex il-legittimu kontradittur ta' dan l-ilment.

Illi r-rikorrent gie ngaggat bhala E.S.T.S wara li kien ghadda minn ezami bil-miktub ibbazat fuq sejha li kienet harget fis-6 ta' Dicembru 1985. Izda jirrizulta li fl-ezamijiet ghall-hrug tal-Journeyman Certificate ir-rikorrent naqas li jikkwalifika fil-parti bil-miktub. Min gab marka konsiderevoli nghata c-cans biex fi zmien sitt xhur jerga' joqghod ghal ezami iehor, maghruf bhala 'Resit Examination'.

Dawk li ghaddew kienu nghataw il-Journeyman Certificate u gew impjegati mal-Gvern b' effett mit-30 ta' Lulju 1988. Dawk li kellhom ic-cans jergghu jaghmlu l-ezami fi zmien sitt xhur u ghaddew, gew impjegati mal-Gvern b'effett mill-31 ta' Marzu 1989. Mentri dawk li ma ghaddewx fosthom ir-rikorrent, saret

talba lill-P.S.C. biex ikunu jistghu jigu mpjegati bhala Labourers Group A fid-9 ta' Gunju 1989.
Illi sussegwentement sarilhom kors ta' sitt gimghat bi preparazzjoni ghall-ezami u dawk li ghaddew gew impjegati mal-Gvern b' effett mill-31 ta' Lulju 1990 bhala Skilled Labourer. (Group B).

Illi r-rikorrent naqas li jattendi ghal dan il-kors u ghaldaqstant ma qghadx ghall-ezami msemmi.

Illi r-rikorrent irrizenja fuq kriterji personali u abbazi d-Dipartiment talab lit-Tribunal biex jichad din it-talba fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**
Ikkunsidra

Illi fis-seduta tat-8 ta' Frar 2000 is-Sur Paul Scicluna ghall-intimat ghamel riferenza ghar-rikorsi numri 727/97 u 728/97 ta' McKay u

Gili u talab li x-xhieda ta' Paul Cassar titpogga kopja taghha fil-process odjern.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li kien student haddiem [u ghalhekk kellu x'jaqsam mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni] izda li l-ingustizzja li sofra saritlu mid-Dipartiment tax-Xogholijiet u mhux mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u dan fil-process ta' l-ghazla tal-kandidati ghall-impjieg ta' Skilled Labourers Group B.

Sostna li sa dakinhar li gie mgharraf mill-avukati tieghu bil-kontenut tar-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet ma kienx jaf illi sar re-sit examination li huwa semma u lanqas ma kien jaf illi sar kors ta' sitt gimghat ghal min ma ghaddiex minn tali ezami. Cahad kategorikament illi qatt gie informat b'xi mod illi kien ser isir re-sit examination ghall-ezami ta' Journeyman Certificate u li lanqas qatt ma baghtu ghalih biex jaghmel il-kors ta' sitt gimghat li d-Direttur semma.

Meta wehel mill-ezami tal-Journeyman Certificate sar jaf dan minn fuq in-notice board ta' l-Evans Laboratory, u dan is-Sajf ta' l-1988. Wara li hareg dan ir-rizultat baqa' jmur ghax-xoghol u jithallas bl-istess rata ghal sena u nofs u matul dan il-perjodu kollu qatt ma gie infurmat la li kien ser ikun hemm resit examination u wisq anqas li setgha jattendi kors.

In kontro-ezami qal li meta ghamel l-ezamijiet tat-teorija ma kienx ghadda, izda minn tal-prattika ghadda. Semma li kien dahal fl-

iskema tal-ESTS fl-1986 u mbaghad spicca fl-1 ta' Jannar 1988 mal-Education u spicca minn hemmhekk fil-5 ta' Frar 1990.

Gie prezentat affidavit ta' Lawrence Azzopardi li semma li hu habib ta' Henry Farrugia, u li kienu ghamlu l-ezami tal-journey man certificate flimkien. Ikkonferma li qatt ma hargu notices ghal re-sits jew ghal korsijiet supplimentari.

Xehed Paul Cassar u qal li kien in charge mill-apprentisti u kien sar ezami u f` dak l-ezami il-marki kienu minn 100. Il-pass mark ghar-written kienet 45 waqt li ghall-practical kienet 55 u r-raguni hija li taw aktar importanza ghall-practical. Dawk li jgibu aktar minn 55 jaghmluhom masons u jkunu Group D waqt li dawk li ma jgibux 55 isiru stone dressers Group C basta ma jgibux anqas minn 45. Semma li Kenneth Gili kien wehel mill-ewwel ezami rega` ghamel ir-re-sit li fih rega' wehel u kien gab 26 fir-written u 27 fil-practical. Fil-kaz ta' Charles McKay dan wehel u rega' wehel u mbaghad ghamel sitt gimghat crash course. In segwitu l-Ministru tax-Xoghol u l-Ministru tal-Edukazzjoni kienu ddecidew li biex jghinuhom tawhom cans iehor u ghamlulhom 6 gimghat crash course biex ghall-inqas isiru Group B. Ghal dan il-crash course kien hemm 17 u tnejn minnhom ma resqux ghall-ezami u l-hmistax l-ohra li ghamluh kollha ghaddew. Minn dak in-nhar 'il quddiem is-sistema li bdiet tintuza kienet min wehel wehel u ma jsir xejn aktar.

**KONKLUZJONIJIET**

Ikkunsidra li hawn ghandna kaz ta' rikorrent li ghamel zmien bhala apprentist, ghamel l-ezami u wehel fih u li hass li minhabba f'hekk saret ingustizzja. Ir-rikorrent ma gab ebda prova fhiex tikkonsisti din l-ingustizzja hlief li jallega li mar tajjeb fl-ezami. Ma gab ebda persuna li ppruvat li kellu xi hila jew kapacita`, jew kwalifiki. Irrizulta wkoll li l-ezaminaturi ma tantx kienu difficli tant li wara li sar l-ezami lil dawk li wehlu regghu tawhom kors iehor u possibbilta` ta' ezami iehor u min rega' wehel poggewh Group B. Dan kollu juri li certament ma kien hemm ebda intenzjoni li ma jhallix lin-nies jikkwalifikaw. L-argument tar-rikorrent hu li lilu m anfurmah hadd bil-kors l-iehor u bl-ezami l-iehor, haga li t-Tribunal isibha ferm iebsa li jaccetta. Kif saru jafu l-ohrajn kollha messu sar jaf ir-rikorrent ukoll specjalment meta wiehed jikkunsidra li dan kien kaz ta' persuna li kienet qieghdha tattendi kuljum ghax-xoghol u li certament kellu kull possibbilta` li jsir jaf dwar din il-possibbilta` mhux biss minn xi ittri izda wkoll minn shabu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.